IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 14**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 7 ta' Jannar 2014 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Tanti | Ambaxxatur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 12**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G12 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u l-Viċi Sindku Doris Coleiro. — *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 12*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 12** — *Punti li joħorġu mill-Minuti G 12*

2.01 4.04 Il-Kunsillier Paul Grech informa l-laqgħa li fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar ser jiġu l-ħaddiema mis-Segretarjat tal-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali sabiex jinqabad il-ħamiem li hemm fl-imsemmija toroq. — *Petizzjoni rigward ammont kbir ta' ħamiem*

2.02 4.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li l-applikazzjonijiet għall-Kunsill taż-żgħażagħ jinsabu miftuħa u li kien hemm xi żgħażagħ li wrew interess. Huwa qal li d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-aħħar ta' Jannar. — *Proposta għall-Kunsill taż-żgħażagħ*

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 5.02 Is-Segretajru Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-laqgħa annwali tal-lokalità ser issir nhar it-28 ta' Jannar fis-6 pm. | Laqgħa Annwali tal-Lokalità |
| 2.04 | 7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li trid issir applikazzjoni għal *meter* tad-dawl ġdid sabiex il-*lift* taċ-ċentru ċiviku u l-funtana li hemm fil-Pjazza jkunu jistgħu jibqgħu jiffunzjonaw. Hija qalet li diġà kienet talbet lid-Dipartiment tal-Artijiet għal pjanta taċ-ċentru ċiviku sabiex tiġi mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill sabiex jinbeda il-proċess għall-applikazzjoni. Il-Kunsill approva li ssir l-applikazzjoni. | Qtugħ ta' dawl tal-*Lift* taċ-Ċentru Ċiviku u l-funtana tal-Pjazza |
| 2.05 | 16.02 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kellux tweġiba minn TM. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill kien għadu bla ebda tweġiba. | Problema tal-*coaches* ħdejn ir-*Domus Romana* |
| 2.06 | 16.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-*dog bins* kienu ser jitwaħħlu hekk kif jinbeda l-kuntratt il-ġdid. | Talba għal *Dog Bins* |

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0005/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech ma jiġix dikjarat vakanti. | Attendenza tal-Kunsillieri |
| 3.02 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1882/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva tweġiba mingħand TM rigward Old Żebbuġ Road, fejn dawn insistew li skont il-liġi din it-triq hija responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkwotat il-liġi tal-Kunsilli Lokali Kap 363 artiklu 33, fejn jgħid li meta triq tkun fi stat ta' rikostruzzjoni din għandha ssir mill-Gvern Ċentrali. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat tweġiba mill-avukat tal-Kunsill lil TM u tiġi kkwotata din il-parti tal-liġi. | Tweġiba ta' TM dwar *Old Żebbuġ Rd* |

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 229 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 229 |
| 4.02 | Is-Sindku informa l-laqgħa li fl-aħħar ġimgħa u nofs, il-Kunsill irċieva diversi lmenti li l-*litter bins* ma kinux qed jitbattlu. Għaldaqstant il-kuntrattur Brian Caruana ġie kkuntattjat għal diversi drabi sabiex inaddaf u jbattal il-*litter bins* ta' madwar ir-Rabat, iżda dan baqa' ma naddafhomx. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jitnaqqsulu 5% mill-ewwel pagament li jkollu, minħabba li huwa ma għamilx ix-xogħol hekk kif stipulat fit-*Tender.* Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.<br><br>Is-Segretartju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tnaqqis mill-pagament jista' jsir biss jekk ikunu nħarġu d-*default notices*. | Tnaqqis ta 5% lill-kuntrattur Brian Caruana |

** **Sospensjoni tar-Regolamenti**

**Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss mill-ġdid l-għoti tal-offerta għas-servizz tat-Tbattil u Tindif ta' *litter bins, dog bins* u *ashtrays* (RLC/T/133/13), peress li l-offerent magħżul ma aċċettax li jonora l-kuntratt.**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra, (referenza nru 50/001/14) mingħand is-Sur Charles Sant, li biha informa lill-Kunsill li qed jirrinunzja mill-kuntratt li ġie aġġudikat lilu f'seduta G12 tal-10 ta' Diċembru 2013. — Għażla mill-ġdid tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* - RLC/T/133/13

Konsegwenza ta' din l-ittra il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li din l-offerta tiġi aġġudikata lil WM Environmental peress li kienet l-irħas offerta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 7 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti spjegazzjoni tal-budget. Il-Kunsill qabel.** — Bdil fl-ordni tal-aġenda

**7.00 Budget 2014**

7.01 Wara diskussjoni li saret il-Kunsill approva l-abozz tal-Estimi Annwali 2014. — Budget 2014

7.02 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**5.00 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien mistoqsi dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġbet li fil-bidu tas-sena hija tiltaqa' mal-impjegati u tiddiskuti magħhom il-pożittiv u n-negattiv tal-*performance* tagħhom. Hija sostniet li minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista' jkollu. Għal dan il-għan hija kienet qiegħda tirrakkomanda l-massimu tal-*performance bonus* ta' 6% lill-impjegati kollha. — *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomdazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet ssekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.02 Is-Sindku kkwota dak li kiteb fil-performance appraisal form tas-Segretarju Ezekuttiv fejn fahhar l-hidma taghha. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro, ppproponiet li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus* ta' 10%. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Performance Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-Impjegati

**6.00 Pjan ta' Ħidma għal tliet snin**

6.01 Is-Sindku talab li issir laqgħa bejn il-Kunsilliera sabiex jiġi diskuss Pjan ta' Ħidma għat-tliet snin li ġejjin. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir wara l-laqgħa pubblika. — Pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin

**8.00 Korrispondenza**

8.01 B'referenza għall-korrispondenza tas-Sur Anthony Grech, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

8.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1865/13**, il-Kunsill kien qiegħed jiġi mistieden mill-*Malta Communications Authority* sabiex jieħu sehem f'taħriġ fil-*computers* għaċ-ċittadini. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jirċievi €15 għal kull sessjoni li ssir ġewwa l-bini tal-Kunsill.

Taħriġ fil-*computers* għaċ-ċittadini mill-MCA

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda jipprovdi dan is-servizz. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.00 Materji Oħra

9.01 Wara diskussjoni li saret dwar il-kontijiet bankarji li għandu l-Kunsill, kien hemm qbil unanimu li ċertu kontijiet għandhom jingħalqu minħabba li l-iskop tagħhom m'għadux ireġġi. Ġie deċiż ukoll li l-bilanċi ta' dawn il-kontijiet jiġu trasferiti fuq il-kont tat-tfaddil.

Kontijiet bankarji li għandu l-Kunsill

9.02 Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jsir *patching* urġenti fit-triq tan-Nigret bdejn is-*Sims* u l-*isprayer* minħabba l-ammont ta' ħofor li hemm.

Ħofor fi Triq in-Nigret

9.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li l-Kunsill jikteb lil s-*street naming committee* dwar Għar Żerriegħa. Huwa qal li r-residenti t'hemm qed ikollhom problema bil-posta u anke meta jkun hemm bżonn ta' ambulanza minħabba li ma hemmx isem tat-triq.

Talba għal isem tat-triq f'Għar Żerriegħa

9.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li tinbagħat *reminder* lil TM sabiex jitkompla x-xogħol li kien inbeda fuq il-*Pelican Lights* ta' ħdejn il-Knisja ta' San Duminku, ta' Vjal il-Ħaddiem k/m Triq Ħad-Dingli u dwar iz-*zebra cross* ta' Triq Sant'Agatha ħdejn il-mużew tal-bniet.

*Reminder* lil TM dwar il-*Pelican Lights* u *Zebra Cross*

9.05 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li tintbagħat *reminder* lil TM dwar ir-*Road Humps* ta' Koronja u ta' Sqaq fi Triq il-Lawrenti.

*Reminder* dwar ir-*Road Humps* ta' Koronja u Sqaq fi Triq il-Lawrenti

9.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li hemm bżonn li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini ta' Triq il-Kbira u Triq San Pawl.

Manutenzjoni ta' bankini fi Triq il-Kbira u Triq San Pawl

9.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jsir *carnival party* għat-tfal. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Carnival Party* għat-tfal

9.08 Il-Kunsillier Ian Vassallo ġibed l-attenzjoni li fi Triq Ħal Tartarni twaħħlet tabella sabiex ma jidħlux trakkijiet. Huwa saħaq li din twaħħlet b'tali mod li t-triq djieqet u qiegħda tkun ta' inkonvenjent għas-sewwieqa. Huwa ssuġġerixxa li din it-tabella titwaħħal mal-ħajt jew fuq il-bankina.

Tabella fi Triq Ħal Tartarni

9.09 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li diversi *skips* li hemm fil-kampanja jinsabu mkissrin u mingħajr għotjien. Hu qal ukoll li dawn l-iskips ilhom ma jinħaslu.

*Skips* fil-kampanja

9.10 Il-Kunsillier Nazju Cassar staqsa jekk hemmx il-permessi meħtieġa għal kaxxa safra li hemm fi Sqaq nru 1 Triq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kienet ser tagħmel il-verifikazzjonijiet meħtieġa.

Kaxxa Safra fi Triq San Pawl, Sqaq nru 1

| | | |
|---|---|---|
| 9.11 | Is-Sindku Charles Azzopardi saħaq dwar il-bżonn li jsir *patching* fi Triq Inguanez minħabba li hemm ħafna ħofor. Huwa qal li għalkemm Triq San Bastjan hemm bżonn li jsir il-*patching* ukoll, ser isiru biss il-ħofor il-kbar minħabba li din it-triq ser tiġi *resurfaced* fix-xhur li ġejjin. | Bżonn ta' *patching* fi Triq Inguanez u Triq San Bastjan |
| 9.12 | Is-Sindku qal li x-xogħlijiet ta' *resurfacing* ta' l-Isqaq taċ-Ċagħki kienu ser jinbdew fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill qabel f'dan l-isqaq ma hemmx bżonn li jinbidlu s-servizzi. | *Resurfacing* tal-Isqaq taċ-Ċagħki |
| 9.13 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro qalet li l-bankina ta' ħdejn il-Knisja ta' San Duminku, quddiem it-taraġ ta' Radju Marija għandha bżonn manutenzjoni għaliex hija perikoluża ħafna. | Bżonn ta' manutenzjoni fuq bankina ħdejn il-Knisja ta' San Duminku |
| 9.14 | Il-Kunsillier Paul Grech qal li fi Triq San Pawl sqaq nru 1, hemm ħofra perikoluża. | Ħofra fi Triq San Pawl Sqaq nru 1 |
| 9.15 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal t-tabelli tal-*one ways* tal-Pjazza ta' San Pawl jinsabu mdawrin. | Tabelli mdawrin fil-pjazza |

**10.00 Data tas-seduta li jmiss**

| | | |
|---|---|---|
| 10.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta l-11 ta' Frar fis-7.00 ta' filgħaxija. | Aġġornament |
| 10.02 | Il-laqgħa ntemmet fid-9.25 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta ... 11 ... ta' Frar ... 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**